-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

[Nhar it-Tnejn 7 ta' Settembru 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm. Is-Segretarju Ezekuttiv u l-kunsilliera J.Borg kienu prezenti b'mod virtwali minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Shaun Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Alexander Zammit– Kunsillier
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Ian Buhagiar – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier A.Zammit talab illi jkun skuzat minħabbi obbligi oħra tal-istudju. Is-Sindku qal illi l-Viċi Sindku avzah ukoll illi mhux se jkun jista jattendi minħabba raġunijiet personali. Qal ukoll illi l-kunsillier I.Buhagiar ma kienx se jkun jista jattendi minħabba x-xogħol. Id-D.S.E qal illi għandu jirċievi bil-miktub izda kienu skuzati la kineu raġunijiet validi.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 B'referenza għall-punt 16.2.3 il-kunsillier N.Chetcuti qal illi għad hemm problema bit-telefonati. Il-kunsillier S.Farrugia qal illi qed ikun hemm kazijiet fejn membru tal-istaff , jekk mx jkunx jista jgħin, qed jibgħat in-nies 'l hemm. Is-Sindku qal illi se jzomm laqgħa mall-istaff.

18.2.2 B'referenza għall-punt 16.3.4, il-kunsillier N.Chetcuti ta informazzjoni dwar il-problema tal-ġbir tal-ħġieġ issa li ħarġu struzzjonijiet ġodda minn naħa tal-WasteServ. Id-D.S.E qal illi l-kunsillier ma kienux konsultati minn qabel u mhix soluzzjoni li jibdew juzaw dual seperators minħabba t-toroq dojoq li hemm fil-lokalita. Għandom joħorġu izjed struzzjonijiet ċari fil-ġranet illi ġejjin.

18.2.3 B'referenza għal punt 16.6.1 kien hemm kummenti pozittivi in ġenerali dwar l-imġiebah u x-xogħol illi tagħmel l-impjegata l-ġdida.

18.2.4 B'referenza għal powerwash, id-D.S.E qal illi qegħdin nistennew tlett stimi.

18.2.5 B'referenza għal punt 16.7.5 il-kunsillier N.Chetcuti qal illi saret il-laqgħa mall-Ministru, flimkien mall-Kummissarju, fejn kien prezenti hu bl-approvazzjoni tas-Sindku. Qal illi tkellem dwar punti varji li qegħdin jaffettwaw il-lokalita tal-Gzira, fosthom nuqqas ta' prezenza tal-pulizija, abbuzzi mill-kuntratturi, problemi ta' xorb u ta' etiket tan-nies eċċ. Qal illi se jibdew bl-introduzzjoni ta' Community Police fejn jista jkun illi l-Gzira jibbenefikaw minn din l-inizjattiva wkoll.

18.2.6 B'referenza għal punt 16.7.6, il-kunsillier N.Chetcuti kkonfera li MaltaPost qegħdin jiftħu filgħaxija.

18.2.7 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 16 jiġu approvati. Is-Sindku ssekondaħ la ma kien hemm ħadd izjed li seta li kien prezenti għal dik il-laqgħa.

18.2.8 Il-kunsillier H.Caruana ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 17 jiġu approvati. Il-kunsillier J.Cardona ssekondaħ

## 18.3 Korrespondenza mas-Sindku

18.3.1 4 T's: Is-Sindku qal illi sid il-ħanut għamel talba biex isir Un/Loading viċin il-ħanut tiegħu. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għall-proposta izda l-ħinijiet iridu jiġu stipulati.

18.3.2 Petizzjoni: Is-Sindku qal illi l-petizzjoni għanda toħroġ nhar is-Sibt ta' wara l-laqgħa u se ssir għan-nom tal-Kunsill, barra min ma kienx qabel li ssir. Qal illi d-deċizjoni tittieħed ġewwa l-parlament.

Is-Sindku qal illi hemm ħafna lmenti rigward il-proposta biex jibnu 11 is-sular fejn il-Knisja u hemm oġġezzjoni qawwija fuqha din. Il-kunsillier S.Farrugia fakkar illi hemm policy issa u fil-viċinanza hemm 2 propjetajiet li huma ta' 11 is-sular. Dawk ta' Adelphi u l-hotel ta' triq Belvedere. B'referenza għall-hotel ta' triq Belvedere qal illi ma jafx min joħroġ dawn it-tip ta' permessi la hemm 350 kamra fejn il-buses ma jistawx jidħlu.
Il-kunsillier J.Cardona qal illi fil-fehma tiegħu l-Kunsill dejjem għandu joġġezzjona dawn it-tip ta' applikazzjonijiet.
Is-Sindku qal illi sid il-post illi jixtieq jibni dawn il-11 is-sular lest jiltaqa mall-Kunsill biex jispjega l-proposta. Qal ukoll illi se jieħu parir legali.
Il-kunsillier S.Farrugia qal illi jekk nafu li ħierġa l-permess għandna nieħdu l-opportunita u naraw kif se niggwadanjaw.
Kien hemm deċizjoni unanimu li ssir oġġezzjoni izda fl-istess ħin isir laqgħa ma sid il-post.

## 18.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

18.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

## 18.5 Rapporti

18.5.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport li rċieva mill-Contracts Manager fuq ix-xogħolijiet li saru. Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi l-ilmenti naqqsu drasstikament.

18.5.2 Ir-rapporti ġew approvati.

18.5.3 Il-kunsillier S.Farrugia reġa fakkar illi rapporti mhumiex qegħdin jintbagħtu fuq kull servizz. Id-D.S.E qal illi l-kuntrattur għandu jibgħat rapport fuq is-servizzi u kien bagħat reminder fuq l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender.

18.5.4 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi jixtieq jirringrazzja lil handyman li verament hu lest jgħin, u jaħdem bil-galbu. Qal illi jixtieq jgħid prosit għal dak illi qed jagħmel u kif ikun pront biex ilesti x-xogħol b'mod tajjeb.

## 18.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

18.6.1 Il-kunsillier J.Cardona talab għal update rigward il-website. Is-Sindku qal illi l-kontenut lest.

18.6.2 Il-kunsillier N.Chatcuti ppropona li jsiru 4 iBins għall-ħġieġ fil-lokalita. Semma Pjazza Gerry Zammit, Sliema road [taħt l-iskola], Ix-Xatt fejn il-bridge, triq Reggie Miller. Il-kunsillier J.Cardona qal illi ma jsib l-ebda oġġezzjoni ħlief illi ma jsirux fejn jgħixu n-nies. Is-Sindku qal illi għandom isiru bil-kameras. Kien hemm qbil.

18.6.3 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm ammont ta' skaffoldings mingħajr permess. Il-kunsillier S.Farrugia qal hemm bzonn laqgħa mall-Ministru u mall-Planning fuqhom dawn.

18.6.4 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi l-linji ta' triq San Ġorġ saru dakinhar tal-laqgħa.

18.6.5 Il-kunsillier H.Caruana qal illi hemm ħanut illi qed joħroġ il-frott u l-ħaxix barra, ix-Xatt ma triq Ponsonby, u mhux qed iħalli spazju għan-nies biex jimxu.

## 18.7 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

18.7.1 Il-kunsillier H.Caruana staqsa dwar il-pagamenti li qed isiru għaz-zfin. Id.D.S.E qal illi dawk huma invoices minn Jannar sa Marzu, cioe qabel il-COVID.

18.7.2 Il-kunsillier S.Farrugia staqsa għal xiex inhuma l-pagamenti dovuti lil O'Hea. Id-D.S.E kkonferma li huma għax-xiri ta' affarijiet minħabba l-COVID.

18.7.3 Il-kunsillier H.Caruana staqsa dwar il-pagamenti dovuti lil Vodafone. Dawk huma kontijiet li nħallsu għas-servizz li tintuza ġewwa Savoy Gardens.

## 18.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.8.1 Il-laqgħa li jmiss se jsir nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020 fil-5pm

Konfermati, illum 6 ta' Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |